SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

13 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawża C-224/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht Baden-Baden (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Mejju 2010, fil-proċeduri kriminali kontra

Leo Apelt,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, U. Lõhmus, A. Rosas (Relatur), A. Ó Caoimh u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal L. Apelt, minn B. Stege, Rechtsanwalt,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1, 5(1)(a), 7(1)(b) u 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 317), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/56/KEE, tal-14 ta' Settembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 88, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/439"), kif ukoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, p. 18).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali kontra L. Apelt għal sewqan intenzjonat mingħajr liċenzja tas-sewqan.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Skont l-ewwel premessa tad-Direttiva 91/439:

"[…] għall-għan tal-politika komuni tat-trasport, u bħala kontribuzzjoni sabiex titjieb is-sigurtà tat-traffiku fit-toroq, kif ukoll sabiex jeħfief il-moviment tan-nies li jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikunu għaddew minn test tas-sewqan, jixraq illi għandu jkun hemm mudell Komunitarju tal-liċenzja tas-sewqan nazzjonali li tkun rikonoxxuta reċiprokament mill-Istati Membri mingħajr l-ebda obbligu li jiġu mibdula l-liċenzji"

4 Skont ir-raba' premessa tad-Direttiva 91/439, huwa neċessarju, sabiex jiġu indirizzati obbligi ta' sigurtà fit-triq, li jiġu stabbiliti ħtiġiet minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan.

5 L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 91/439 huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu liċenzja nazzjonali tas-sewqan imsejsa fuq il-mudell Komunitarju deskritt fl-Anness I jew [Ia], skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva […].

2. Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom ikunu rrikonoxxuti reċiprokament."

6 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"1. Il-liċenzja tas-sewqan ipprovduta fl-Artikolu 1 għandha tawtorizza s-sewqan tal-vetturi fil-kategoriji li ġejjin:

[…]

Il-Kategorija B:

— il-vetturi tal-mutur b'massa massima awtorizzata li ma taqbiżx it-3 500 kilogramma u li ma jkollhomx iktar minn tmien postijiet bil-qiegħda b'żieda mal-post tas-sewwieq; […]

[…]

Il-Kategorija D:

— il-vetturi bil-mutur għall-ġarr tal-persuni u li jkollhom aktar minn tmien postijiet bil-qiegħda b'żieda mal-post tas-sewwieq; […]

2. Fil-kategoriji A, B, B+E, C, C+E, D [u] D+E, tista' tinħareġ liċenzja speċifika tas-sewqan għas-sewqan tal-vetturi fis-subkategoriji li ġejjin […]."

7 Skont l-Artikolu 5(1)(a) ta' din id-direttiva:

"1. Il-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan għandu jkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-liċenzji għall-kategoriji C u D għandhom jinħarġu biss lis-sewwieqa li diġà huma intitolati li jsuqu vetturi fil-kategorija B;"

8 L-Artikolu 7(1) tal-istess direttiva jipprovdi:

"Il-liċenzji tas-sewqan għandhom, barra minn hekk, jinħarġu biss lil dawk l-applikanti:

[…]

(b) li għandhom ir-residenza normali tagħhom fit-territorju ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, jew jistgħu jipproduċu xhieda illi kienu ilhom jistudjaw fih għal mill-inqas sitt xhur."

9 Skont l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 91/439, kull persuna jista' jkollha liċenzja tas-sewqan waħda biss.

10 L-Artikolu 8(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4), ta' din id-direttiva jipprovdu:

"2. Bla ħsara għat-tħaris tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istati Membri tar-residenza normali jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir tad-dritt tas-sewqan fuq il-possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, jekk meħtieġ, jibdlu l-liċenzja b'dan il-għan.

[…]

4. Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lill-persuna li tkun, fit-territorju ta' l-Istat ta' qabel, bla ħsara għal waħda mill-miżuri riferiti fil-paragrafu 2."

11 Skont it-tieni subparagrafu tal-punt 1 tal-Parti I, A tal-Anness II tad-Direttiva 91/439, kull applikant għal liċenzja f'kategorija waħda li jkun għadda mit-test tat-teorija għal-liċenzja f'kategorija differenti jista' jiġi eżentat mid-dispożizzjonijiet komuni tal-punti 2 sa 4 ta' dan l-anness.

12 Il-punt 2 tal-Parti I, A tal-Anness II jiddetermina l-kontenut tat-test tat-teorija rigward il-kategoriji kollha tal-vetturi. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-kategoriji A u A1 huma previsti fil-punt 3 ta' din il-Parti I, A u dawk li jikkonċernaw il-kategoriji C, C+E, C1, C1+E, D, D+E, D1 u D1+E fil-punt 4 tal-istess anness.

13 L-Artikolu 11(1) u (4) tad-Direttiva 2006/126 jipprovdi:

"1. Fejn id-detentur ta' liċenzja nazzjonali valida tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru jkun għamel ir-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor, huwa jista' jitlob li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tiġi sostitwita minn liċenzja ekwivalenti. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru li jwettaq is-sostituzzjoni sabiex jikkontrolla għal liema kategorija il-liċenzja preżentata tkun fil-fatt għadha valida. […]

[…]

4. Stat Membru għandu jirrifjuta li joħroġ liċenzja tas-sewqan lil applikant li jkollu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ristretta, sospiża jew irtirata fi Stat Membru ieħor.

Stat Membru għandu jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet ristretta, sospiża jew irtirata fit-territorju ta' l-Istat preċedenti.

Stat Membru jista' wkoll jirrifjuta li joħroġ liċenzja tas-sewqan lil applikant li li jkollu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kanċellata fi Stat Membru ieħor."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

14 L-Artikolu 28(1) u (4) tar-Regolament dwar l-aċċess tal-persuni għas-sewqan fit-toroq (regolament dwar il-liċenzja tas-sewqan) [Verordnung über die Zulassung von Personen zum Straßenverkehr (Fahrerlaubnis-Verordnung)], tat-18 ta' Awwissu 1998 (BGBl. 1998 I, p. 2214), fil-verżjoni applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, huwa fformulat kif ġdid:

"(1) Il-pussessuri ta' liċenzja tas-sewqan valida tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea li għandhom ir-residenza normali tagħhom […] fil-Ġermanja huma awtorizzati — mingħajr ħsara għar-restrizzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 4 — isuqu vetturi f'dan il-pajjiż fil-limiti awtorizzati mid-drittijiet tagħhom. […]

L-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-pussessuri ta' liċenzja tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea,

[…]

3. meta l-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet suġġetta, fil-Ġermanja, għal miżura ta' rtirar provviżorju jew definittiv meħuda minn qorti, jew miżura ta' rtirar immedjatament eżegwibbli jew definittiva ta' awtorità amministrattiva […]"

15 Il-punt 1 tal-Artikolu 21(1) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq [Straßenverkehrsgesetz], fil-verżjoni tagħha applikabbli għad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali jipprovdi:

"1. Huwa punibbli b'piena ta' priġunerija sa sena jew ta' multa, kull min

1) isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan meħtieġa għal dan il-għan jew li jkun ġie pprojbit milli jsuq vettura skont l-Artikolu 44 tal-kodiċi kriminali jew l-Artikolu 25 tal-liġi preżenti […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 Fl-14 ta' Diċembru 1998 L. Apelt, ċittadin Ġermaniż, ingħata liċenzja tas-sewqan, għall-kategoriji 1a, 1b, 3, 4 u 5, mid-dipartimenti kompetenti tad-distrett ta' Verden (il-Ġermanja).

17 Fit-23 ta' Jannar 2006, L. Apelt inqabad, fil-Ġermanja, waqt li kien qiegħed isuq vettura fi stat ta' sakra. L-għada, il-liċenzja tas-sewqan tiegħu inżammet mis-servizzi ta' pulizija Ġermaniżi ("polizeiliche Verwarung").

18 Fil-31 ta' Mejju 2006, L. Apelt ġie kkundannat mill-Amtsgericht Osterholz-Scharmbeck għal multa minħabba sewqan fi stat ta' sakra. Il-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet irtirata, ġie mċaħħad mid-dritt li jsuq u pprojbizzjoni milli jitlob liċenzja tas-sewqan ġdida, li skadiet fid-29 ta' Novembru 2006, ġiet deċiża fil-konfront tiegħu.

19 Fl-1 ta' Marzu 2006, jiġifieri qabel ma l-qorti rtirat il-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil L. Apelt mill-awtoritajiet Ġermaniżi, iżda wara l-miżura ta' żamma ta' din il-liċenzja mis-servizzi ta' pulizija Ġermaniżi, L. Apelt kiseb mill-awtoritajiet kompetenti Ċeki awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi ta' kategorija B, fir-rigward ta' liema, fl-istess jum, nħarġitlu liċenzja tas-sewqan. Il-post ta' residenza indikat fuq din il-liċenzja jinsab fil-Ġermanja.

20 Fit-30 ta' April 2007, jiġifieri wara l-iskadenza tal-projbizzjoni li tintalab liċenzja tas-sewqan ġdida maħruġa kontrih mill-Amtsgericht Osterholz-Scharmbeck, L. Apelt kiseb awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Ċeki sabiex isuq vetturi tal-kategorija D. F'dan is-sens, inħarġitlu liċenzja tas-sewqan fl-istess ġurnata, li fuqha hemm imniżżel post ta' residenza li jinsab fir-Repubblika Ċeka kif ukoll data ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B, jiġifieri fl-1 ta' Marzu 2006.

21 Fil-11 ta' Lulju 2009, L. Apelt ġie mwaqqaf meta kien qed isuq xarabank fit-territorju tal-komun ta' Achern (il-Ġermanja). Il-prosekuzzjoni talbet lill-Amtsgericht Achern sabiex jinħareġ digriet kriminali kontra L. Apelt għal sewqan intenzjonali mingħajr awtorizzazzjoni ta' sewqan. L-Amtsgericht Achern ċaħdet din it-talba minħabba l-fatt li l-awtorizzazzjoni ta' sewqan maħruġa mill-awtoritajiet Ċeki għall-vetturi tal-kategorija D, maħruġa wara l-iskadenza tal-perijodu ta' projbizzjoni, kienet valida fuq it-territorju Ġermaniż.

22 Il-prosekuzzjoni rreferiet għal dan id-digriet quddiem il-Landgericht Baden-Baden fejn allegat li l-awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija B, mhux valida fil-Ġermanja, hija element indispensabbli tal-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Landgericht Baden-Baden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Fid-dawl tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 91/439/KEE[…], li jipprovdi li l-liċenzji għas-sewqan għall-kategorija D għandhom jinħarġu biss lis-sewwieqa li diġà huma intitolati li jsuqu vetturi fil-kategorija B, Stat Membru jista' jirrifjuta, b'mod konformi mal-Artikoli 1 u 8(2) u (4) tal-istess direttiva, li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja għas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u li tinkludi l-kategoriji B u D, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategorija D, meta dak li għandu l-imsemmija liċenzja għas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni li jsuq taħt il-kategorija B qabel l-adozzjoni, fl-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni għas-sewqan, u meta l-awtorizzazzjoni għas-sewqan taħt il-kategorija D inħarġet biss wara l-irtirar ġudizzjarju u wara li skada l-perijodu ta' projbizzjoni, stabbilit fl-istess waqt bħal dan l-irtirar, ta' ħruġ ta' liċenzja oħra għas-sewqan?

2) Fil-każ fejn ir-risposta għall-ewwel domanda tkun waħda negattiva:

L-ewwel Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-liċenzja għas-sewqan imsemmija hawn fuq, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategorija D, skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126[…], li jipprovdi li Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi, għal persuna li l-liċenzja għas-sewqan tagħha ġiet irtirata, fit-territorju tiegħu, il-validità ta' kwalunkwe liċenzja għas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, meta l-awtorizzazzjonijiet għas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji B u D ingħataw rispettivament fl-1 ta' Marzu 2006, u fit-30 ta' April 2007 u meta l-liċenzja għas-sewqan inħarġet f'din l-aħħar data?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

24 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, jekk, fid-dawl tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 91/439, li jipprovdi li l-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D tista' tinħareġ biss għas-sewwieqa li diġà huma intitolati jsuqu vetturi taħt il-kategorija B, Stat Membru jistax jirrifjuta, skont l-Artikoli 1 u 8(2) u (4), ta' din id-direttiva, li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor għall-kategoriji B u D, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategorija D, meta l-proprjetarju ta' din il-liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni ta' sewqan taħt il-kategorija B qabel l-adozzjoni, fl-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, u meta l-awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-kategorija D, inħarġet wara din il-miżura ta' rtirar ġudizzjarju u wara l-iskadenza tal-projbizzjoni mill-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida, deċiża flimkien ma' din il-miżura ta' rtirar ġudizzjarju.

25 Għandu jingħar ukoll li l-qorti tar-rinviju tispeċifika li minkejja li l-liċenzja tas-sewqan inħarġet mill-awtoritajiet Ċeki għall-vetturi tal-kategorija B qabel ma L. Apelt kien suġġett, fil-Ġermanja, għal miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni ta' sewqan, dan il-ħruġ sar wara li l-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu kienet ġiet miżmuma mis-servizzi ta' pulizija Ġermaniżi, u li kemm din l-aħħar miżura kif ukoll il-miżura ta' rtirar ġudizzjarju huma ġustifikati għal raġunijiet eżistenti fid-data tal-ħruġ, mill-awtoritajiet Ċeki, tal-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għall-fatt li l-post ta' residenza ta' L. Apelt indikat fuq din il-liċenzja tas-sewqan jinsab fil-Ġermanja.

26 Issa, skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 91/439, il-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan huwa, fost oħrajn, suġġett għall-eżistenza tar-residenza normali jew tal-prova tal-kwalità ta' student matul perijodu ta' mill-inqas sitt xhur fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja tas-sewqan.

27 Għalhekk, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli, hemm lok li d-domanda magħmula tinftiehem fis-sens li din tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk, essenzjalment, l-Artikoli 1 (2), 5(1)(a), 7(1)(b) u 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439, jipprekludux li Stat Membru ospitanti jirrifjutax li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji B u D maħruġa minn Stat Membru ieħor, l-ewwel nett, meta l-proprjetarju ta' din il-liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija B bi ksur tal-kundizzjoni ta' residenza normali u wara li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu maħruġa mill-ewwel Stat Membru kienet ġiet miżmuma mis-servizzi ta' pulizija ta' dan l-ewwel Stat Membru iżda qabel l-adozzjoni, fl-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni ta' sewqan, u, it-tieni nett, meta l-proprjetarju tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan ingħata l-awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija D wara l-adozzjoni tal-imsemmija miżura ta' rtirar ġudizzjarju u wara l-iskadenza tal-projbizzjoni ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida.

28 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/439 jipprovdi r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni timponi fuq dawn tal-aħħar obbligu ċar u preċiż, li ma jħalli ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu adottati għat-twettiq tiegħu (sentenza tad-19 ta' Mejju 2011, Grasser, C-184/10, Ġabra p. I-4057, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Huwa l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja tas-sewqan li għandu jivverifika jekk il-kundizzjonijiet minimi imposti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk dwar ir-residenza u l-kapaċità għas-sewqan, imposti mill-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva, humiex sodisfatti u, għalhekk, jekk il-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan huwiex iġġustifikat (sentenza Grasser, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Meta l-awtoritajiet ta' Stat Membru joħorġu liċenzja tas-sewqan skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 91/439, l-Istati Membri l-oħra ma jistgħux jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ previsti minn din id-direttiva ġewx osservati. Fil-fatt, il-pussess ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi l-prova li l-pussessur ta' din il-liċenzja kien jissodisfa l-imsemmija kundizzjonijiet (sentenza Grasser, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Madankollu, mis-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Weber (C-1/07, Ġabra p. I-8571), jirriżulta li l-Artikoli 1(2) u 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 ma jipprojbixxux li Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa fi Stat Membru ieħor favur persuna li hija suġġetta, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan, anki jekk dan l-irtirar ġie ordnat wara l-ħruġ tal-imsemmija liċenzja, peress li din tal-aħħar inkisbet matul il-perijodu ta' validità ta' miżura ta' sospensjoni tal-liċenzja maħruġa fl-ewwel Stat Membru u peress li kemm din kif ukoll l-imsemmija miżura ta' rtirar huma ġustifikati minn motivi eżistenti fid-data tal-ħruġ tat-tieni liċenzja tas-sewqan.

32 F'dan il-każ, il-miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni ta' sewqan ġiet deċiża wara l-ħruġ lil L. Apelt, mill-awtoritajiet Ċeki, ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B. Madankollu, din il-liċenzja tas-sewqan inħarġet meta fl-istess waqt il-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil L. Apelt, fil-Ġermanja, kienet ġiet miżmuma mis-servizzi ta' pulizija Ġermaniżi.

33 Hekk kif ikkonstatat il-qorti tar-rinviju, iż-żamma mis-servizzi tal-pulizija tista' tiġi kkunsidrata bħala miżura ta' sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439. Għaldaqstant l-imsemmija direttiva ma tipprekludix li l-awtoritajiet Ġermaniżi jirrifjutaw li jirrikonoxxu, fit-territorju tagħhom, il-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil L. Apelt mill-awtoritajiet Ċeki għall-vetturi tal-kategorija B, fid-dawl talfatt li kemm iż-żamma mis-servizzi ta' pulizija Ġermaniża kif ukoll il-miżura ta' rtirar ġudizzjarju huma ġustifikati għal raġunijiet eżistenti fid-data ta' ħruġ ta' din il-liċenzja tas-sewqan.

34 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li mid-deċiżjoni ta' rinviju jirriżulta li l-post ta' residenza indikat fuq l-imsemmija liċenzja jinsab fil-Ġermanja. Issa, in-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni ta' residenza normali fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 91/439 jista' waħdu jiġġustifika r-rifjut minn Stat Membru li jirrikonoxxi l-liċenzja tas-sewqan maħruġ minn Stat Membru ieħor.

35 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Artikoli 1(2), 7(1)(b) kif ukoll 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 ma jipprekludux Stat Membru ospitanti milli jirrifjuta li jirrikonoxxi fuq it-territorju tiegħu l-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, meta jiġi stabbilit, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fuq din il-liċenzja, li l-kundizzjoni ta' residenza normali, prevista fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, ma tkunx ġiet osservata (sentenza Grasser, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

36 B'hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi kellhom id-dritt li jirrifjutaw li jirrikonoxxu liċenzja tas-sewqan bħal dik maħruġa lil L. Apelt mill-awtoritajiet Ċeki għall-veturi tal-kategorija B.

37 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk Stat Membru jistax jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan bħal dik maħruġa lil L. Apelt mill-awtoritajiet Ċeki għall-vetturi

tal-kategorija D, għandu jiġi osservat li mill-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 91/439 jirriżulta li liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D tista' tingħata biss għas-sewwieqa li diġà huma intitolati jsuqu l-vetturi tal-kategorija B.

38 Il-Kummissjoni ssostni li, peress li r-rekwiżiti għall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D huma iktar stretti minn dawk meħtieġa għall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B, u li L. Apelt ingħata liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D wara l-perijodu ta' projbizzjoni milli tintalab liċenzja tas-sewqan ġdida, id-data tal-kisba tal-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B li tinsab fuq l-imsemmija liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D ma tistax taffettwa l-obbligu ta' rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan previst mid-Direttiva 91/439.

39 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

40 Fil-fatt, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 91/439, liċenzja tas-sewqan stabbilita skont l-Artikolu 1 tagħha tista' tawtorizza s-sewqan ta' vetturi ta' kategoriji differenti. Fi ħdan dawn il-kategoriji, liċenzja speċifika tista' tinħareġ għas-sewqan tal-vetturi ta' subkategoriji differenti, b'konformità mal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva.

41 Għal dan il-għan, liċenzja tas-sewqan għall-vetturi ta' kategorija B tawtorizza s-sewqan tal-karozzi li l-massa massima awtorizzata tagħhom ma taqbiżx it-3 500 kilogramma u li n-numru ta' positijiet bil-qiegħda, minbarra s-siġġu tax-xufier, ma jkunx ogħla minn tmienja. Liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D, min-naħa l-oħra, tawtorizza s-sewqan ta' karozzi għat-trasport tal-persuni u li għandhom iktar minn tmien postijiet bil-qiegħda minbarra s-siġġu tax-xufier.

42 Hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan it-tqassim f'kategoriji u f'subkategoriji jippermetti li jiġu adattati, għal kull waħda minnhom, il-kundizzjonijiet minimi li fuqhom il-liċenzji tas-sewqan għandhom jinħarġu.

43 Iktar preċiżament, id-Direttiva 91/439 tipprovdi, fl-Annessi II u III tagħha ġabra komuni għall-kategoriji kollha tal-liċenzji tas-sewqan. Il-ħruġ ta' kull liċenzja tas-sewqan jiddependi mis-sodisfazzjoni tal-kundizzjonijiet minimi li huma proprjetà ta' din il-ġabra komuni. Dawn jinkludu, hekk kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, pereżempju, l-għarfien ta' teħid ta' kontroll tal-vettura sabiex ma jinħolqux sitwazzjonijiet perikolużi u reazzjoni b'mod adegwat fil-każ li jseħħu sitwazzjonijiet bħal dawn jew inkella li s-sewwieq ikun jaf id-distanzi ta' sigurtà bejn il-vetturi, id-distanza tal-ibbrejkjar u r-roadholding tal-vetturi kkonċernati.

44 Minbarra dawn il-kundizzjonijiet minimi, jeżistu testijiet speċifiċi għal kull kategorija, u b'mod partikolari għall-kategorija D.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mit-tieni subparagrafu tal-punt 1 tal-parti I, A tal-Anness II tad-Direttiva 91/439, kull kandidat għal kategorija ta' liċenzji tas-sewqan diġà proprjetarju ta' kategorija oħra ta' liċenzji tas-sewqan jista' jiġi eżentat mit-testijiet tal-verifika tat-teorija relatati, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet legali fil-qasam tat-traffiku fit-toroq.

46 Kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tad-Direttiva 91/439 jirriżulta li l-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B tikkostitwixxi bażi indispensabbli u li għandha tippreċedi l-kisba ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D.

47 B'hekk, imur kontra l-għan ta' sigurtà fit-toroq imsemmija fl-ewwel u fir-raba' premessi tad-Direttiva 91/439 li Stat Membru ospitanti ma jkunx permess li jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D maħruġa abbażi ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B li tkun ivvizzjata b'irregolarità li tiġġustifika n-nuqqas ta' rikonoxximent ta' din l-aħħar liċenzja.

48 B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li, meta Stat Membru jista' abbażi tad-Direttiva 91/439, jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, huwa għandu wkoll id-dritt li ma jirrikonoxxix il-validità tal-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D maħruġa abbażi tal-imsemija liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B.

49 Peress li l-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija B maħruġa mill-awtoritajiet Ċeki lil L. Apelt hija vvizzjata b'irregolaritajiet li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' rikonoxximent tagħha, l-Artikoli 1(2), 5(1)(a), 7(1)(b) u 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 ma jipprekludux lill-awtoritajiet Ġermaniżi milli jirrifjutaw li jirrikonoxxu wkoll il-liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategorija D maħruġa mill-awtoritajiet Ċeki lil L. Apelt abbażi tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu li taqa' taħt il-kategorija B.

50 Fid-dawl tal-argumenti preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 1(2), 5(1)(a), 7(1)(b) u 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439 ma jipprekludux li Stat Membru ospitanti jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji B u D maħruġa minn Stat Membru ieħor, l-ewwel nett, meta l-proprjetarju tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija B bi ksur tal-kundizzjoni ta' residenza normali u wara li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu maħruġa mill-ewwel Stat Membru ġiet miżmuma mis-servizzi ta' pulizija ta' dan l-ewwel Stat Membru iżda qabel l-adozzjoni, fl-imsemmi l-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni ta' sewqan, u, it-tieni nett, meta l-proprjetarju tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni

ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija D wara l-adozzjoni tal-imsemmija miżura ta' ritrar ġudizzjarju u wara l-iskadenza tal-projbizzjoni ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida.

Fuq it-tieni domanda

51 Peress li l-fatti tal-kawża prinċipali żvolġew matul is-snin 2006 u 2007 u, għaldaqstant, qabel ma sar applikabbli l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 1(2), 5(1)(a), 7(1)(b) u 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/56/KEE, tal-14 ta' Settembru 2000, ma jipprekludux

li Stat Membru ospitanti jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji B u D maħruġa minn Stat Membru ieħor, l-ewwel nett, meta l-proprjetarju tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija B bi ksur tal-kundizzjoni ta' residenza normali u wara li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu maħruġa mill-ewwel Stat Membru ġiet miżmuma mis-servizzi ta' pulizija ta' dan l-ewwel Stat Membru iżda qabel l-adozzjoni, fl-imsemmi l-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ġudizzjarju tal-awtorizzazzjoni ta' sewqan, u, it-tieni nett, meta l-proprjetarju tal-imsemmija liċenzja tas-sewqan ingħata awtorizzazzjoni ta' sewqan għall-vetturi tal-kategorija D wara l-adozzjoni tal-imsemmija miżura ta' rtirar ġudizzjarju u wara l-iskadenza tal-projbizzjoni ta' ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida.

Firem